GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| | | |
|---|---|---|
| PR221121 | 02.09.2022 | NONE |

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI**

***Tagħlaq il-Konferenza tal-2022 tal-CAPAC***

Darren Carabott, Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ħa sehem fil-Konferenza tal-Assoċjazzjoni tal-Kumitati dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Commonwealth (CAPAC) li nżammet fit-30 u l-31 ta' Awwissu 2022 ġewwa l-Maldives. Matul il-konferenza, li għaliha attendew diversi chairpersons ta' kumitati dwar il-kontijiet pubbliċi minn madwar il-Commonwealth, fosthom mir-Renju Unit, ġew diskussi diversi temi li ttrattaw il-mod li bih jaħdmu dawn il-kumitati, u kif jista' jsir titjib fil-mod kif l-istess kumitati jagħmlu l-investigazzjonijiet u joħorġu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

Waqt l-istess konferenza ltaqa' l-Kumitat Eżekuttiv tal-CAPAC fejn is-Sur Carabott ġie magħżul sabiex iservi fuq dan il-kumitat għas-sentejn li ġejjin.

Il-konferenza ngħalqet b'indirizz mill-Ispeaker tal-Parlament tal-Maldives.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt